Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 733/2004

**Master Distributors Limited C2837**

**Vs**

**Caroline Borg**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ tmien mija u hames liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm805.15c) rapprezentanti l-bilanc totali ta’ hlasijiet ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha fis-27 ta’ Dicembru 2002 u drabi qabel.

Bl-ispejjez ta’ l-Avviz tat-talba u ta’ l-Ittri Legali tal-5 ta’ Frar 2004, tas-7 ta’ Novembru 2003 u tas-7 t’Ottubru 2003

u bl-imghax legali mis-27 ta' Dicembru 2002 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta Caroline Borg, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Sema' lil Dr Anthony Cutajar jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hames liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm805.15c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------